

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Amtsgericht Hannover (il-Ġermanja) fit-28 ta' April 2017 – Reinhard Wittmann vs TUIfly GmbH

(Kawża C-228/17)

(2017/C 231/22)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Amtsgericht Hannover

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Reinhard Wittmann

Konvenuta: TUIfly GmbH

Domandi preliminari

- 1) L-assenza minħabba mard ta' parti sostanzjali mill-persunal meħtieġ għat-twettiq tat-titjiriet tat-trasportatur bl-ajru tikkostitwixxi ċirkustanza straordinarja fis-sens tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 (¹)? Fil-każ li tingħata risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda: kemm għandha tkun ir-rata ta' assenza sabiex tali ċirkustanza tiġi ammessa?
- 2) Fil-każ li r-risposta għall-ewwel domanda tkun fin-negattiv: l-assenza spontanja ta' parti sostanzjali mill-persunal meħtieġ għat-twettiq tat-titjiriet tat-trasportatur bl-ajru, minħabba waqtien fix-xogħol mhux awtorizzat skont il-leġiżlazzjoni tax-xogħol jew skont ftehim kollettiv ("strajk selvaġġ"), tikkostitwixxi ċirkustanza straordinarja fis-sens tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 261/2004? Fil-każ li tingħata risposta fl-affermattiv għat-tieni domanda: kemm għandha tkun ir-rata ta' assenza sabiex tali ċirkustanza tiġi ammessa?
- 3) Fil-każ li tingħata risposta fl-affermattiv għall-ewwel jew għat-tieni domanda: iċ-ċirkustanza straordinarja fiha nnifisha kellha tkun preżenti meta ġiet ikkanċellata t-titjira jew it-trasportatur bl-ajru jista' jistabbilixxi skeda ġdida ta' titjiriet għal-raġunijiet ekonomiċi?

Fil-każ li tingħata risposta fl-affermattiv għall-ewwel jew għat-tieni domanda: il-kunċett ta' natura evitabbi huwa marbut maċ-ċirkustanza straordinarja jew pjuttost mal-konsegwenzi tal-okkorrenza tal-imsemmija ċirkustanza? 4)

⁽¹⁾ Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Frar 2004, li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li [...] jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 10).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Vilniaus miesto apylinkés teismas (il-Litwanja) fid-9 ta' Mejju 2017 – “Renerga” UAB vs “Energijos skirstymo operatorius” AB, “Lietuvos energijos gamyba” AB

(Kawża C-238/17)

(2017/C 231/23)

Lingwa tal-kawża: il-Litwan

Qorti tar-rinviju

Vilniaus miesto apylinkés teismas

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: “Renerga” UAB

Konvenuti: “Energijos skirstymo operatorius” AB, “Lietuvos energijos gamyba” AB